MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2009

Numru. 1027/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**JOHN ZAMMIT ta' 48 sena, iben Joseph u Josephine nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-18 ta' Ottubru, 1960, residenti fil-fond numru 48, Triq Sant'Elena, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 686260M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOHN ZAMMIT** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Awwissu, 2009 gewwa l-fond Flat 2, Blokk VII, Bieb A, Triq il-Buganvilla, San

Gwann, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta' flus u gojjellerija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna, bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-dannu t'ommu Giuseppa Zammit, ta' hutu Silvio Zammit, u Stephen Zammit u/jew ta' persuna/i ohra.

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat l-Artikoli 261, 263(a), 264, 265, 267, 268(b), 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), u 281(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat dwar il-piena l-ghajnuna li ta lill-pulizija fl-investigazzjoni taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib lil John Zammit hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal sena(1) habs sospiza ghal sentejn(2) taht Ordni ta' Supervizjoni u qieghda tahtar ghal dan l-iskop lil Dr Vella Baldacchino, u dan wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------